# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 26 ta' Marzu 2024**

**Kawza Numru: 4**

**Rikors Numru:- 244/2021JVC**

L-Avukat Dr Peter Borg Costanzi (ID 247554M) għan-nom u in rappreżentanza tal-assenti **Alfred Zawadzki; Francis Cachia Caruana** (ID 278471M) f'ismu proprio u għan-nom u in rappreżentanza (a) tas-socjeta` en nome collectiv **Bravo (P 1184),** (b) tal-assenti **Susan Meadows,** (c) tal-assenti **Anne Hynds,** u (d) tal-assenti **Stephen Sant**

**Cassia;** **Josephine Cachia Caruana** (ID 334124M); **Anne Louise Ellul Cachia Caruana** (ID 24768M); L-Avukat Dr **Tonio Ellul** (ID 295869M); **Richard Cachia Caruana** (ID 139255M); **Edward Cachia Caruana** (ID 531951M); **Silvana Cachia Caruana** (ID 601354M); **Alfred Manduca** (ID 502658M); **Joseph Manduca** (ID 757259M); **Carmelina Sant Cassia** (0502728M); **Paul Sant Cassia** (ID 823454M); **Suzanne Felice Sant Cassia** (ID 0024256G); **Peter Sant Cassia** (ID 0176861M); **Joanna DeBono Sant Cassia** (ID 0357465M); **Beaumont Estates Limited** (C 10365); **Anthony Cardona** (ID 406952M); **Stefan Cardona** (ID 113480M); **Christianne Cardona** (ID 213182M); **Christef Company Limited** (C 8184); **Cardona Holdings Limited** (C 18853); **S O C & K Company Limited** (C 8141); **Ruggier Holdings Limited** (C 14022); **Ruggier Investments Limited** (C 18852); **Tumas Group Company Limited** (C 7820) gia Fenech Group Company Limited

**vs**

**Glenn Zammit (ID 244793M), Margaret Zammit (ID 192568M), Mary Mallia (ID 744761M) u l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fejn l-Avukat Dr Peter Borg Costanzi noe et talab kif isegwi:

'Illi l-esponenti huma s-sidien ta` porzjoni art magħrufa bħala Blat l-Għolja tal-Furnar limiti tal-Imqabba ta` kejl komplessiv ta` 4811$m^2$ li kienet imqabbla lil Nazzareno Mallia. Mal-mewt tiegħu wliedu Margaret Zammit u Mary Mallia talbu li l-qbiela tgħaddi favur iben Margaret Zammit cjoe l-intimat Glenn Zammit.

Illi skond il-Kap 199 Glenn Zammit għandu dritt ikompli bil-qbiela u di fatti qed jiddepożita l-qbiela ta` €10.71 il-Qorti.

Illi għalkemm l-esponenti ppruvaw jaslu fi ftehim ġdid li ma jkunx regolat mil-Kap 199, tali ftehim ma seħħx billi Zammit qed jinsisti li huwa bidwi protett taħt il-Kap199.

Illi l-kirja in kwistjoni hija waħda protetta taħt il-Kap. 199 u għalhekk il-kirja hija għal terminu indefinit, tintiret minn ġenerazzjoni għal ġenerazzjoni u mhux possibbli għall-esponenti li jawmentaw il-kera għall-prezz viċin dak li jirrifletti l-valur ġust tas-suq u lanqas li jirriprendu l-propjeta meta jridu.

Illi minħabba dan il-kontroll leġislativament impost fuq l-esponenti ma hemmx bilanċ ġust u l-esponenti ġarrew u għadhom qed iġorru piz eċċessiv.

Illi għalhekk ġew u għadhom qed jiġu leżi d-drittijiet fondamentali tal-esponenti kif sanċiti fl-Artikolu 1 Protokol 1 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet Fondamentali.

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

i. Tiddikjara li ġew u għadhom qed jiġu leżi d-drittijiet fondamentali tal-esponenti kif sanċiti bl-Art 1 Prot 1 tal-Kap 319 għar-raġunijiet premessi;

ii. Tagħti rimedju xieraq, effettiv u opportun sabiex il-Qorti taċċerta li tali vjolazzjoni ma tkomplix isseħħ;

iii. Tagħti rimedju pekunjarju u non-pekunjarju biex tagħmel tajjeb għall-leżjoni ġa sofferta mill-esponenti u

iv. Tagħti kwalsijasi kumpens ieħor li jkun xieraq u opportun tenut kont r-rizultanzi fit-talbiet preċedenti u tagħti kull rimedju ulterjuri li din l-Onorabbili Qorti jidhrilha xieraq.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta ta' Glenn Zammit et li taqra kif isegwi:

1. 'Illi it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt; l-esponenti jaghmlu taghhom ir-risposta tal-Avukat tal-istat safejn mhux inkompatibbli ma' dan riportat f'din ir-risposta.

2. Illi qabel xejn l-atturi iridu jippruvaw it-titlu taghhom u iridu juru li ma hemm ebda sidien ohra ghajrhom;

3. Illi kull min fir-rikors promotur qed jidher ghal terzi ghandu jipprova il-prokura tieghu u l-awtorita tieghu li jagixxi ghal dawk rapprezentati minnu;

4. Illi l-esponent jikri minn ghand l-intimat nomine porzjoni art maghrufa bhala tal-Blat l-Gholja tal-Furnar, limiti tal-Imqabba konsistenti f' zewg kazzi, wahda ta' circa 2499 metri kwadri u l-ohra tmiss maghha tal-kejl ta' circa ta' 2312 metri kwadri u dan versu il-qbiela ta' €7.45 ghal wahda u €3.26 ghall-ohra - b' kollox €10.71 fis-sena;

5. Illi is-sidien dejjem accettaw il-qbiela u qatt ma kien hemm problemi bejn is-sidien u l-esponent jew il-familja tieghu - u dan anke ghaliex kulhadd kien jaf li l-inkwilin u familtu dejjem hadu hsieb sew ta' dan ir-raba. Ukoll is-sidien kienu jafu li jekk ma tinkeriex mill-esponenti hadd aktar ma kien ser ikun interessat fir-raba;

6. Illi l-esponent ma jahti xejn ghall-ligijiet li permezz taghhom huwa qieghed jokkupa l-art mertu tal-kawza bi qbiela;

7. Illi l-esponent u l-antenati tieghu qablu dejjem hadu hsieb l-ghalqa mertu tal-kawza, hadmuha u hadu hsiebha sewwa kif jista jikkonferma Dr. Peter Borg Costanzi stess li kien milqugh minn omm l-esponent li fil-fatt urietu liema kienet l-ghalqa li kienet imqabbla lil Glenn Zammit;

8. Illi din hija art agrikola u hija art mikrija bhala art agrikola, mhijiex art li qeghda f'zona ta' zvilupp - anzi hija art li qieghda barra miz-zona ta' zvilupp;

9. Illi l-esponent dejjem hallas il-qbiela skont il-ligi u dejjem ha hsieb l-istess ghalqa; huwa ihallas qbliela ta' €10.71 fis-sena. Kull ammont li jista jigi mizjud ma' din il-qbiela ikun zejjed ghax il-prodott li jista jigi imkabbar f'din l-ghalqa

fuq medda ta' sena ma jiflahx qbiela akbar. L-esponent jirrileva li hadd ma huwa ser jahdem din l-ghalqa jekk il-prodott li tista tipproduci wara li jigi mibjugh u tithallas ilqbiela ma jhallix profitti bizzejjed ghall-ghixien biex jiggustifika ix-xoghol mehtieg biex jitkabbar il-prodott. U dan irid jitqies ukoll tenut kont tar-riskji li iggib maghha il-biedja;

10. Illi ghall-ligijiet ta' kera ta' art agrikola ma jistax jahti l-esponent u ghalhekk ukoll l-esponent ma jista u ma ghandu ibati xejn anke jekk jigi dikjarat li kien hemm lezjoni kostituzzjonali;

11. Illi il-kera ta' art agrikola ma tistax titqabbel ma' kera ta' fondi urbani. U dan principalment ghaliex ma hemmx suq daqstant b' sahhtu ghall-kera ta' art agrikola. U minghajr prova dwar kif seta jingieb kera akbar ghal din l-art, ma jistax jigi stabbilit li kien hemm xi lezjoni. U fin-nuqqas ta' prova skjaccanti dwar dan ma jistax jinghata kumpens lis-sidien. Huwa fatt maghruf li il-gabillotti li jahdmu l-art illum qed isiru specie riesqa lejn l-estinzjoni u li illum ftit li xejn issib zaghzagh li iridu jew lesti ikomplu din is-sengha difficli li tinhtieg hafna sagrificcji u li fiha hafna u hafna riskji.

12. Illi kieku il-qbiela kienet akbar jew issir akbar zgura li hadd ma jkun jista isib gabillotti lesti jiehdu l-art biex jahdmuha - ghalhekk ma kien hemm ebda lezjoni tad-drittijiet propjetarji tar-rikorrenti;

13. Illi ghal dawn il-motivi kollha it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda;

14. Illi f' kull kaz l-esponent ma ghandu ibati ebda spejjez ta' dawn il-proceduri;

Illi l-atturi kollha qed jigu minn issa imharrka ghas-subizzjoni. Bl-ispejjez kontra ir-rikorrenti.'.

Rat ir-risposta ta' l-intimat Avukat tal-Istat li taqra kif isegwi:

1. 'Illi qabel xejn, ikun xieraq li r-rikorrenti **jġibu prova tat-titolu** tagħhom fuq l-art magħrufa bħala Blat l-Għolja tal-Furnar limiti tal-Imqabba;

2. Illi barra minn hekk, ir-rikorrenti jridu jresqu prova konvinċenti li l-proprjeta' inkwistjoni hija tabilħaqq soġġetta għall-kirja li hija regolata bil-**Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta;**

3. Illi mingħajr preġudizzju għal premess, jingħad illi r-rikorrenti ma jistgħux jilmentaw dwar perjodi qabel ma huma kellhom titolu fuq il-proprjetà in kwistjoni u dan minħabba li f'dak l-istadju ċertament li wieħed ma jistax jitkellem dwar possediment;

4. Illi r-rikorrenti, partikolarment Dr Peter Borg Costanzi u Francis Cachia Caruana, iridu iġibu prova ta' prokura jew l-instrument legali li jagħtihom il-jedd li jidhru għan-nom u in rappreżentanza tal-persuni indikati fir-rikors promotur;

5. Illi fil-mertu, l-esponenti jeċċepixxi li t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda, u dan stante li ma hemm ebda vjolazzjoni ta' xi drittijiet

fundamentali tar-rikorrenti, u dan kif se jirriżulta mit-trattazzjoni tal-kawża u għar-raġunijiet segwenti;

6. Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti mhijiex mistħoqqha għaliex mhux minnu li l-**Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta** jagħti dritt ta' rilokazzjoni indefinita u lanqas li jrendi impossibbli li r-rikorrenti jieħdu lura l-pussess tal-għalqa f`idejhom. Anzi **l-Artikolu 4 tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta` Malta** jsemmi għadd kbir ta` sitwazzjonijiet fejn il-kirja agrikola tista` ma tiġġeddidx jew tista' tiġi terminata u jipprovdi mekkanizmu legali quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba', f'każ li s-sid ma jilħaqx ftehim mal-inkwilin;

7. Illi lanqas huwa mistħoqq l-ilment tar-rikorrenti fejn jgħidu li huma ma jistgħux jawmentaw il-qbiela. Skont l-**Artikolu 3 tal-Kap. 199**, il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba' jista' jintalab mis-sidien jagħmel kundizzjonijiet ġodda fil-kirja biex il-kirja tagħhom tiġi regolata bħal kirjiet oħra ta' għelieqi paragunabbli fl-istess parti tal-Imqabba. Dan ifisser li jekk sid il-kera juri li fil-qrib hemm art oħra paragunabbli għal tiegħu, fejn il-valur tal-kera mħallas ikun ħafna aktar għoli mill-valur tal-kera li jkun qiegħed jirċievi hu, allura dak is-sid jista' jitlob lill-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' sabiex l-ammont tal-kera tar-raba' tiegħu jogħla daqs l-ammont tal-kera li jkun qiegħed jitħallas fuq ir-raba' simili għal tiegħu;

8. Illi safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-**Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea**, għandu jingħad li skont il-*proviso* ta' dan l-istess artikolu, l-Istat għandu kull jedd li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta` proprjeta` skont l-interess ġenerali. F`dan is-sens huwa magħruf fil-ġurisprudenza li l-

Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x`inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u sabiex jistabbilixxi liema huma dawk il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien tal-interess ġenerali. Sewwasew fil-każ tagħna, il-**Kap 199 tal-Liġijiet ta` Malta** għandu: (i) għan leġittimu għax joħroġ mil-liġi, (ii) huwa fl-interess ġenerali għax huwa maħsub biex iħeġġeġ u jħares it-tkabbir ta` prodotti agrikoli, fjuri u siġar tal-frott li huma meħtieġa għall-ħajja; u (iii) iżomm bilanċ ġust u ekwu bejn l-interessi tas-sid, tal-gabillott u tal-poplu b`mod ġenerali. Jiġi b`hekk, li l-esponent ma jarax kif il-**Kap. 199** għandu jitqies li jmur kontra l-Ewwel Artikolu tal-**Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;**

9. Illi jiġi b'hekk li kull talba konsegwenzjali marbuta **mal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** mhijiex mistħoqqha;

10. Illi f'kull każ u fir-rigward tat-tieni u r-raba' talba, minn kif inhu magħruf fil-ġurisprudenza tagħna, din l-Onorabbli Qorti mhijiex il-*forum* addattat sabiex tiddeċiedi dwar it-talba għall-iżgumbrament tal-intimati mill-imsemmija proprjeta'. Konsegwentament, f'każ li r-rikorrenti jitolbu tali rimedju, din it-talba għandha tiġi miċħuda wkoll;

11. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Għaldaqstant** fid-dawl ta' dan kollu, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħhom.'.

Rat l-affidavits, xhieda, kopja ta' ricevuti, kopji ta' cedoli ta' depositu, *screen shot* ta' orthophoto tas-sena 2016, *satellite image* ta'

*Google maps*, diversi artikoli mill-gazzetti lokali, traskrizzjoni ta' xhieda ta' Malcolm Borg moghtija f'kawza diversa, rizoluzzjoni tal-Parlament Ewropew, kopja tal-Istrategija Nazzjonali ta' wara l-pandemija tal-Covid-19, *census of agricultural 2020* ippubblikat mill-Ufficju Nazzjonali tal-Istatistika ta' Malta, rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, kuntratti, certifikati ta' titolu, kopji ta' prokuri, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tat-23 ta' Gunju, 2021 Dr Peter Borg Costanzi ghar-rikorrenti talab in-nomina ta' perit tekniku sabiex jivvaluta l-valur lokatizzju ta' porzjoni art maghrufa bhala Blat l-Gholja Tal-Furnar, limiti tal-Imqabba liema art tidher fir-ritratti mill-ajru a fol. 13 u fol. 14 tal-process, rat li l-kontro-partijiet irrimettew ruhhom salv ghall-ispejjez u rat li l-Qorti laqghet it-talba u nnominat lil Perit Valerio Schembri;

Rat illi fil-verbal tat-23 ta' Novembru, 2021 is-sinjuri Dr Ann Louise Ellul Cachia Caruana u Francis Cachia Caruana rikorrenti ddikjaraw li mhux fi hsiebhom jahdmu l-ghalqa personalment;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Valerio Schembri ntavolat nhar it-23 ta' Novembru, 2021 u mahluf nhar il-11 ta' Marzu, 2022 a fol. 50 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal tas-17 ta' Marzu, 2022 il-Qorti rrilevat li l-Perit Tekniku ma rrelatax kif ordnat fis-sens li ma tax il-valur lokatizzju tal-art in kwistjoni izda ta biss il-valur u rat li Dr Borg Costanzi rrileva li l-valur lokatizzju ghandu jinghata mis-sena 1987 u kull 5 snin sal-20 ta' April, 2021 u rat li l-Qorti ordnat komunika tal-verbal lil Perit Schembri sabiex jirrelata kif indikat fil-verbal tallum u jigi ntaxxat ir-rapport kif emendat limitatament ghall-valur lokatizzju li se jinghata;

Rat ir-rapport addizzjonali tal-Perit Tekniku Valerio Schembri intavolat nhar il-31 ta' Mejju, 2022 u mahluf nhar is-16 ta' Novembru, 2022 a fol. 255 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal tat-30 ta' Gunju, 2022 Dr Peter Borg Costanzi ddikjara li mill-informazzjoni li ghandu l-ebda wiehed mis-sidien m'hu interessat li personalment jahdem ir-raba' in kwistjoni pero' dan ma jfissirx li m'ghandhomx intenzjoni li jqabbdu lil terzi li jahdmu l-istess raba' biex tinzamm in-natura agrikola tal-art;

Rat illi fil-verbal tat-30 ta' Gunju, 2022 ir-rikorrenti ddikjaraw ukoll li ghajr ghal din il-kawza ma sarux proceduri ulterjuri quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba';

Rat id-domandi in eskussjoni tal-intimat Avukat tal-Istat intavolati nhar l-10 ta' Marzu, 2023 u rat ir-risposti tal-AIC Valerio Schembri ntavolati nhar is-27 ta' April, 2023 a fol. 555 et seq tal-process u rat id-domandi in eskussjoni tal-intimat Glenn Zammit;

Rat illi fil-verbal datat 27 ta' April, 2023 ir-rikors gie differit ghat-28 ta' Marzu 2024 ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat illi permezz tal-avviz datat 10 ta' Awwissu, 2023 ir-rikors gie rikjamat ghallum ghad-decizjoni;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Fatti fil-qosor:</u>**

Illi l-fatti fil-qosor fil-kaz odjern jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti jippremettu li huma s-sidien tal-porzjon art maghrufa bhala Blat l-Gholja tal-Furnar limiti tal-Imqabba ta' kejl komplessiv ta' erba 'telef tmien mija u hdax il-metru kwadru (4,811m$^2$).

   Illi l-Avukat Dottor Peter Borg Costanzi ressaq affidavit addizzjonali a fol. 264 et seq tal-process fejn permezz tieghu spjega l-provenjenza tat-titolu tas-sidien tal-proprjeta' mertu tal-kawza odjerna. Ir-rikorrenti pprezentaw ukoll ghadd ta' kuntratti li jirrapprezentaw it-titolu taghhom fuq l-art mertu tal-kawza odjerna u certifikati ta' titolu mahruga mir-Registru tal-Artijiet liema kuntratti u certifikati jinsabu a fol. 267 et seq tal-process. Mill-imsemmija kuntratti jirrizulta gherq tat-titolu ulterjuri.

2. Illi jirrizulta li din l-art mertu tal-kawza odjerna originarjament kienet imqabbla lill-Nazzareno Mallia – missier Margaret Zammit u Mary Mallia u nannu ta' Glenn Zammit lura fis-sena 1964 (ara ricevuti a fol. 35 et seq tal-process) ghall-ammont ta' lira tmien xelini u sold (£1-8-1) u baqghet tiggedded biex illum l-intimati jhallsu l-ammont ta' ghaxar Ewro u wiehed u sebghin centezmu (€10.71). Dan il-hlas jirrapprezenta zewg porzjonijiet wahda ta' cirka 2499 m$^2$ li taghha jithallas l-ammont ta' sebgha Ewro u hamsa u erbghin centezmu (€7.45) u l-ohra tal-kejl ta' 2312 m$^2$ li taghha jithallas tlett Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€3.26). Ir-rikorrenti jghidu li l-kirja hija wahda protetta soggetta

għad-disposizzjonijiet tal-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba' Kap. 199 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Ir-rikorrenti pproċedew bil-kawża odjerna fejn talbu lill-Qorti jogħġobha tiddikjara li ġew u għadhom qed jiġu leżi d-drittijiet fundamentali tagħhom kif sanċit bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea. Talbu wkoll sabiex il-Qorti tagħti rimedju xieraq, effettiv u opportun sabiex il-Qorti taċċerta li tali vjolazzjoni ma tkomplix isseħħ. Ir-rikorrenti ulterjorment talbu sabiex il-Qorti tagħti rimedju pekunjarju u non-pekunjarju biex tagħmel tajjeb għal-leżjoni ġja sofferta minnhom. Finalment talbu sabiex il-Qorti tagħti kwalsiasi kumpens ieħor li jkun xieraq u opportun tenut kont r-riżultanzi fit-talbiet preċedenti u tagħti kull rimedju ulterjuri li din l-Qorti jidhrilha xieraq.

**<u>Rapport tal-Perit Tekniku Valerio Schembri:</u>**

Illi permezz ta' digriet tat-23 ta' Ġunju, 2021 a fol. 24 tal-proċess din il-Qorti nnominat lill-Perit Tekniku Valerio Schembri sabiex jivvaluta l-valur lokatizzju ta' porzjon art magħrufa bħala Blat l-Għolja Tal-Furnar, limiti tal-Imqabba liema art tidher fl-aerial photos a fol. 13 u 14 tal-proċess.

Il-Perit Tekniku Schembri ppreżenta r-rapport nhar it-23 ta' Novembru, 2021 u ġie maħluf fil-11 ta' Marzu, 2022 a fol. 50 et seq tal-proċess. Irriżulta li fl-imsemmi rapport il-Perit Tekniku Schembri ta' l-valur tal-art biss u mhux ukoll il-valur lokatizzju tal-art in kwisjoni tul is-snin. Għalhekk fil-verbal tas-17 ta' Marzu, 2022 il-Perit Tekniku Schembri ġie ordnat li jagħti l-valur lokatizzju tal-art mertu tal-kawża mis-sena 1987 u kull 5 snin sal-20 ta' April, 2021.

Ir-rapport addizzjonali tal-Perit Tekniku Schembri gie pprezentat fl-atti nhar il-31 ta' Mejju, 2022 a fol. 255 et seq tal-process u gie mahluf nhar is-16 ta' Novembru, 2022. Fir-rapporti tieghu l-Perit Tekniku Schembri jaghti deskrizzjoni tal-proprjeta' mmobbli ossia ghalqa fil-limiti tal-Imqabba tal-kejl ta' 4,811m$^2$ u sussegwentement jghaddi sabiex jaghti l-valutazzjoni tal-proprjeta' billi ta' valur fis-sena 2021 bhala dak ta' erbgha mija u tmenin elf Ewro (€480,000) u mbaghad ghadda sabiex jaghti l-valur lokatizzju tal-istess kif indikat fir-rapport addizzjonali.

Il-Perit Tekniku Valerio Schembri indika li dwar il-valur lokatizzju huwa hass li stante li l-art tinhadem huwa kellu japplika *yield* ta' 1%. Jghid illi fl-ewwel rapport l-proprjeta' kienet giet stmata fl-2021 u sabiex wasal ghall-valuri sal-1987 huwa bbaza ruhhu fuq l-indici tal-Bank Centrali. Ikompli billi jghaddi ghal valur lokatizzju tal-fond in kwistjoni mis-sena 1987 sas-sena 2021 billi gie stmat bil-mod segwenti:

| | |
|---|---|
| 1987 | €450.00 |
| 1992 | €750.00 |
| 1997 | €1325.00 |
| 2002 | €1775.00 |
| 2007 | €2800.00 |
| 2012 | €2675.00 |
| 2017 | €2850.00 |

2021 €4800.00

Il-Qorti rat id-domandi in eskussjoni tal-intimat Avukat tal-Istat intavolati nhar l-10 ta' Marzu, 2023 u rat ir-risposti tal-AIC Valerio Schembri ntavolati nhar is-27 ta' April, 2023 a fol. 555 et seq tal-process u rat id-domandi in eskussjoni tal-intimat Glenn Zammit. Il-Qorti rat ukoll li hadd mill-partijiet ma talab il-hatra ta' periti perizjuri jew is-sospensjoni ulterjuri tal-ghoti tad-decizjoni.

**It-tieni eccezzjoni tal-intimati Glenn Zammit et u l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat:**

Prova dwar it-titolu tal-proprjeta':

Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) dwar l-prova tat-titolu, fis-sentenza fl-ismijiet **Robert Galea -vs- Avukat Generali et** deciza nhar is-7 ta' Frar, 2017 sostniet kif isegwi:

> 'Illi biex wieħed ikun f'qagħda li juri li ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni m'għandux għalfejn jipprova titolu assolut u lanqas wieħed originali bħallikieku l-azzjoni dwar ksur ta' jedd fundamentali kienet waħda ta' rivendika. Huwa biżżejjed, għall-finijiet ta' dak l-artikolu, li wieħed juri li għandu jedd fil-ħaga li tkun li bih jista' jieqaf għall-pretensjonijiet ta' ħaddieħor. Imbagħad, għall-finijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, huwa biżżejjed li l-persuna turi li kellha l-pussess tal-ħaġa li tkun.'.

Hekk ukoll inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Victor Gatt et -vs- Avukat Generali et** deciza nhar il-5 ta' Lulju, 2011 mill-Qorti Kostituzzjonali illi:

> 'Din il-Qorti tirrileva li din l-azzjoni mhix wahda rei vindicatoria, u kwindi mhux mehtieg il-prova diabolica ta' titolu originali. Hu bizzejjed li r-rikorrenti juru interess guridiku fl-esitu ta' din il-kawza.'.

Illi minn ezami tal-provi jirrizulta li r-rikorrenti ressqu prova sufficjenti tat-titolu taghhom sal-grad rikjest mil-ligi ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri. A skans ta' ripetizzjoni l-Qorti taghmel referenza ghall-kuntratti u certifikati ta' titolu li gew esebiti fl-atti a fol. 267 et seq tal-process.

<u>Prova li l-kirja hija regolata bil-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta:</u>

Illi l-kirja in kwistjoni hija kkonfermata mill-intimati Glenn Zammit u Maria Mallia fl-affidavit taghhom a fol. 33 et seq tal-process. L-intimat Glenn Zammit fl-affidavit tieghu jixhed:

> 'Nghid li r-raba' kien ta' Nazzareno Mallia u cioe' nannui (missier Mary Mallia u Margaret Zammit).
>
> …
>
> Nghid li jiena, Margaret Zammit u Mary Mallia ilna niddetjenu l-ghalqa maghrufa bhala tal-Blat l-Gholja tal-Furnar, limiti tal-Imqabba bi qbiela sa minn qabel 1964. Din l-ghalqa ghadha ukoll "reservoir" go fiha li ghamilt jiena. Zmien ilu din l-ghalqa kienet inghatat bi qbiela lil Nazzareno Mallia, imbaghad din il-kirja kienet ghaddiet ghand ommi u ziti.
>
> Nghid li ahna konna nhallsu is-somma ta' ghaxar Euro u wiehed u sebghin centezmi (€10.71) fis-sena bhala qbiela ghal

din l-ghalqa, u dan mis-sena 1964 (kopji tal-ircevuti tal-qbiela hawn annessi u mmarkati bhala **Dok A**)'.

L-intimati fl-atti pprezentaw ukoll numru ta' ricevuti li whud minnhom sahansitra jmorru lura ghas-sena 1964.

Ghalhekk in vista ta' dawn id-dikjarazzjonijiet u specjalment tal-ircevuti l-Qorti m'ghandiex dubju dwar l-ezistenza tal-kirja u li din il-kirja hija wahda regolata bil-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>It-tielet eccezzjoni tal-intimati Glenn Zammit et u r-raba' eccezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat:</u>**

Illi fit-tielet eccezzjoni taghhom l-intimat Glenn Zammit et eccepew illi kull min fir-rikors promotur qed jidher ghal terzi ghandu jipprova l-prokura tieghu u l-awtorita' tieghu li jagixxi ghal dawk rapprezentati minnhom. L-istess eccezzjoni giet mressqa mill-intimat Avukat tal-Istat fir-raba' punt.

Illi fl-atti a fol. 493 et seq tal-process gew ipprezentati l-prokuri li permezz taghhom hemm prova li r-rikorrenti li jidhru f'isem terzi ghandhom l-mandat oppportun. Ghalhekk in vista ta' dan il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni.

**<u>Allegat ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u t-tmien eccezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat:</u>**

Illi l-intimat Avukat tal-Istat fit-tmien (8) eccezzjoni dwar l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll eccepixxa li skont il-proviso tal-istess artikolu, l-Istat ghandu kull jedd li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu tal-proprjeta' skont l-interess generali.

Isostni li anki skont il-gurisprudenza, l-Istat igawdi diskrezzjoni wiesgha sabiex jidentifika x'inhu mehtieg fl-interess generali u sabiex jistabbilixxi liema huma dawk il-mizuri mehtiega ghall-harsien tal-interess generali. Jghid illi fil-kaz prezenti, il-Kap 199:

i. ghandu ghan legittimu ghax johrog mil-ligi;
ii. huwa fl-interess generali ghax huwa mahsub biex iheggeg u jhares it-tkabbir ta' prodotti agrikoli, fjuri u sigar tal-frott li huma mehtiega ghall-hajja; u
iii. izomm bilanc gust u ekwu bejn l-interessi tas-sid, tal-gabillotti, u tal-poplu b'mod generali.

Jghid li fil-fehma tieghu ma jarax kif il-Kap. 199 ghandu jitqies li jmur kontra l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

Illi l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi illi:

> 'Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.
>
> Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.'.

Illi dwar dan u l-principji applikabbli fid-decizjoni tal-Qorti

Kostituzzjonali datata 31 ta' Jannar, 2014 fl-ismijiet **AIC Joseph Barbara et -vs- L-Onorevoli Prim'Ministru et** inghad illi:

> '...fejn si tratta minn ilmenti ta' vjolazzjoni ta' natura kontinwa tad-drittijiet ta' proprjeta` bhala rizultat tat-twettieq ta' ligijiet li jimponu arrangamenti lokatizji fuq is-sidien u li jipprovdu ghal ammont ta' kera allegatament inadegwat, gew ritenuti li jammontaw ghal mezz ta' kontroll mill-iStat fuq l-uzu tal-proprjeta u, inkwantu tali, jaqghu sabiex jigu kkunsidrati taht it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. Interferenza bhal din trid tkun kompatibbli mal-principji ta' (i) legalita` (lawfulness), (ii) ghan legittimu fl-interess generali, u (iii) bilanc gust.'

Illi dwar il-principju tal-legalita' (lawfulness) l-Qorti m'ghandiex dubju li d-disposizzjonijiet tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat tul is-snin sar taht qafas legali. M'hemmx dubju wkoll li fiz-zmien li ttiehdet il-mizura permezz tal-promulgazzjoni ta' din il-ligi, l-ghan ahhari kien wiehed legittimu billi l-qasam tal-biedja minn dejjem kien importanti billi huwa sors importanti ghall-pajjiz ghal dak li hu ikel mill-art bil-hidma tal-bidwi u l-importanza ta' dan is-settur jinhass specjalment meta l-pajjiz ikollu nuqqas ta' prodott li jigi mpurtat jew issehh xi kalamita' jew pandemija bhal ma kien hawn sa ftit snin ilu. Madanakollu ma jistax jinghad li gie mhares il-principju ta' bilanc gust billi qabel l-introduzzjoni tal-Att XXII tal-2022 li dahal fis-sehh fit-8 ta' Frar, 2023 is-sidien kienu ferm limitati in kwantu ghall-kumpens gust percepit mill-kirja tar-raba' ghall-uzu tal-agrikoltura.

**Rimedji:**

Illi r-rikorrenti odjerni, oltre t-talba ghal dikjarazzjoni ta' lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom, talbu li l-Qorti (i) taghti rimedju xieraq, effettiv u opportun sabiex il-Qorti taccerta li tali vjolazzjoni ma tkomplix issehh, (ii) taghti rimedju pekunjarju u non-pekunjarju biex taghmel tajjeb ghal-lezjoni gja sofferta minnhom, u (iii) taghti kwalsiasi kumpens iehor li jkun xieraq u opportun tenut kont r-rizultanzi fit-talbiet precedenti u taghti kull rimedju ulterjuri li l-Qorti jidhrilha xieraq.

**Talba ghal zgumbrament:**

Dwar il-parti tat-tieni talba fejn ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti taghti rimedju xieraq, effettiv u opportun sabiex il-Qorti taccerta li tali vjolazzjoni ma tkomplix issehh b'referenza ghar-rimedju tal-izgumbrament gie ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawza fl-ismijiet **J & C Properties Limited (C-29114) -vs- Nazzareno Pulis et** deciza nhar is-27 ta' Frar, 2020 fir-rigward fond residenzjali illi:

> 'Fid-decizjoni tal-ECHR tat-22 ta` Frar 2012 dwar just satisfaction fil-kaz ta' Frendo Randon and Others v. Malta, inghad :-
>
> 16. As the Court has held on a number of occasions, a judgment in which the Court finds a breach imposes on the respondent State a legal obligation to put an end to the breach and make reparation for its consequences in such a way as to restore as far as possible the situation existing before the breach (see Iatridis v. Greece (just satisfaction) [GC}, no. 31107/96 §32, ECHR 2000- XI, and Guiso- Gallissay v. Italy Just satisfaction) [GC], no. 58858/00, § 90, 22 December 2009). The Contracting States that are parties to a case are in principle free to choose the means whereby they will comply

with a judgment in which the Court has found a breach. This discretion as to the manner of execution of a judgment reflects the freedom of choice attached to the primary obligation of the Contracting States under the Convention to secure the rights and freedoms guaranteed (Article 1). If the nature of the violation allows of restitutio in integrum it is the duty of the State held liable to effect it, the Court having neither the power nor the practical possibility of doing so itself. If; however, national law does not allow - or allows only partial reparation to be made for the consequences of the breach, Article 41 empowers the Court to afford the injured party such satisfaction as appears to it to be appropriate."

Issir referenza wkoll ghad-decizjoni tal-ECtHR tat-12 ta` Gunju 2012 fil-kaz ta` Lindheim and Others v. Norway fejn inghad :-

"Whilst in reaching the above conclusion the Court has focused on the particular circumstances of the applicants` individual complaints, it adds by way of a general observation that the problem underlying the violation of Article 1 of Protocol No. 1 concerns the legislation itself and that its findings extend beyond the sole interests of the applicants in the instant case. This is a case where the Court considers that the respondent State should take appropriate legislative and/or other general measures to secure in its domestic legal order a mechanism which will ensure a fair balance between the interests of lessors on the one hand, and the general interests of the community on the other hand, in accordance with the principles of protection of property rights under the Convention."

Il-Qorti tishaq illi procediment ta` x-xorta tal-lum mhuwiex il-

forum appozitu sabiex tinghata decizjoni dwar jekk inkwilin (li sal-lum kellu titolu naxxenti minn ligi tal-pajjiz) ghandux jigi zgumbrat jew le. Huma t-tribunali jew qrati ordinarji li ghandhom il-kompetenza li jesprimu ruhhom dwar talbiet mis-sid ghar-ripreza ta` fondi li jistghu jinvolvu l-izgumbrament tal-inkwilin. Ghall-fini tal-procediment odjern, dik rilevanti hija l-konsiderazzjoni ta` jekk ligi u/jew l-applikazzjoni taghha tkunx ivvjolat il-jeddijiet fondamentali tal-persuna u allura jekk abbazi tal-fattispeci ta` kull kaz dik il-ligi ghandhiex tkun applikata bejn il-partijiet kemm-il darba l-applikazzjoni taghha tkun leziva ghad-drittijiet fundamentali ta` l-persuna koncernata.

Riferibbilment ghall-kaz tal-lum, jirrizulta li ladarba l-inkwilini agixxew skont il-ligijiet vigenti m`ghandhomx legalment jirrispondu ghall-kostituzzjonalita` o meno tal-ligi kif applikata, jew li jkunu ordnati jaghtu rimedju lir-rikorrenti jew jehlu l-ispejjez tal-kawza.

L-Istat huwa responsabbli ghall-promulgazzjoni tal-ligi u ghalhekk ghandu jkun l-Istat illi jwiegeb.'.

Illi din il-Qorti taqbel ma' dan il-hsieb u taghmlu taghha. Tqis li dan ghandu japplika anke f'dan il-kaz fejn qeghdin nitrattaw raba' agrikola. In oltre' tirrileva li din il-Qorti m'hijiex vestita b'dik il-kompetenza li tiddeciedi dwar zgumbrament minn fond li l-inkwilini tieghu jgawdu titolu ta' kera fuqu pero' dak ir-rimedju huwa vestit f'idejn il-Qorti Ordinarja u cioe' fil-kaz odjern il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba'. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad dik il-parti tat-tieni talba tar-rikorrenti relatata mal-izgumbrament filwaqt li thalli r-rimedji ordinarji tar-rikorrenti impregudikati.

**<u>Kumpens:</u>**

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza partikolari ghas-sentenza deciza recentement mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju, 2023 fl-ismijiet **Vincenza *sive* Sina Magro -vs- L-Avukat tal-Istat et** bir-rikors numru 224/19/1 li ghamlet referenza ghad-decizjoni **Cauchi -vs- Malta** deciza mill-Qorti Ewropea deciza fil-25 ta' Marzu, 2021. Il-Qorti tqis li l-istess principji enuncjati u r-ragunament applikat f'dak il-kaz ghandu japplika wkoll ghall-kaz odjern:

> 'Għaldaqstant il-Qorti tqis li ż-żmien relevanti *tenut* kont ta' dak rilevat jibda jiddekorri mill-2010. Il-perit tekniku stima li l-valur lokatizju komplessiv tal-art inkwistjoni għall-perjodu bejn l-2010 u l-2020 huwa ta' €11,849. Il-Qorti ser tuża l-metodu ta' komputazzjoni stabbilit fis-sentenza **Cauchi v. Malta**, b'dan illi t-tnaqqis għall-għan leġittimu tal-liġi għandu jkun ta' 30%. Isir ukoll it-tnaqqis ta' 20% minħabba l-inċertezza li s-sid jirnexxilu jikri l-proprjetà inkwistjoni tul il-perjodu kollu u għall-ammonti stmati mill-perit tekniku. Dan iwassal għas-somma ta' ċirka €6,635. Minn din is-somma trid imbagħad titnaqqas il-kera li kienet tiġi mħallsa mill-inkwilin, li tammonta komplessivament għal ċirca €280. Għaldaqstant il-kumpens pekunarju dovut lill-attriċi huwa fis-somma ta' €6,355.
>
> 35. Ma' dan l-ammont għandu wkoll jiżdied kumpens għad-danni morali sofferti mill-attriċi. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha l-attriċi kienet issottomettiet li l-kumpens morali għandu jiġi llikwidat fis-somma ta' €2,000. Il-Qorti tqis li kkonsidrat it-tul ta' żmien li damet għaddejja l-leżjoni u meta l-attriċi saret il-proprjetarja tal-art inkwistjoni, u ċjoè fl-1982, is-somma ta' €2,000 pretiża mill-attriċi hija raġonevoli. Għaldaqstant il-kumpens morali dovut lill-attriċi qiegħed jiġi

ffissat fl-ammont ta' €2,000.'.

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li l-inkwilini Glenn Zammit et personalment ilhom igawdu l-fond mis-sena 2016 u qabel kienet f'idejn l-antekawza taghha cioe' missierhom/nannuhom Nazzareno Mallia mis-sena 1964 u l-intimati Glenn Zammit et ghadhom igawdu l-art sallum.

Il-Qorti, wara li fliet id-decizjonijiet kollha in materja, nkluz dawk kwotati f'din l-istess decizjoni u fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet tasal ghas-segwenti likwidazzjoni ta' danni pekunjarji:

Fl-ewwel lok il-Qorti tqis li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni l-perijodu mis-sena 1987 cioe' meta giet addottata l-konvenzjoni sa Jannar 2023, meta dahlu fis-sehh l-emendi tal-2022 w'ghalhekk provdew aktar rimedji lir-rikorrenti li qabel ma kinux jezistu.

Il-valur lokatizzju tal-proprjeta' in kwistjoni fis-suq miftuh matul is-snin imsemmija, kif stmat mill-Perit Tekniku Valerio Schembri jammonta komplessivament ghal dak ta' hamsa u sittin elf tlett mija u hamsa u ghoxrin Ewro (€65,325). Fil-process ir-rikorrenti u anke l-intimati pprezentaw xi kopji tal-ircevuti tal-hlas tal-kera pero' ma pprezentawx kopja tal-ircevuti kollha u ghalhekk il-Qorti ma setghetx tasal ghal ammont preciz kemm thallas. Ghalhekk il-Qorti hadet bhala ammont dak ta' ghaxar Ewro u wiehed u sebghin centezmu (€10.71) fis-sena liema ammont jirrizulta mill-ircevuti l-aktar ricenti. Dan ifisser li r-rikorrenti rcevew is-somma ta' tlett mija tnejn u sebghin Ewro u sbatax il-centezmu (€372.17). Ghalhekk l-ammont dovut lir-rikorrenti huwa dak ta':

€65,325 - €372.17 = €64,952.83

Il-Qorti tqis li, in linea mal-gurisprudenza suesposta, ghandha titnaqqas somma ulterjuri ekwivalenti ghal 30% u wkoll persentagg

ulterjuri ta' 20% stante li kif inghad fil-gurisprudenza suesposta ghandu jigi tenut kont li mhux necessarjament il-proprjeta' in kwistjoni kienet ser tinkera tul il-perjodu kollu li kieku kienet libera sabiex tinkera:

€64,952.83 – 30%= €45,466.98 – 20% = €36,373.58

**<u>Ammont ta' kumpens dovut</u>**: sitta u tletin elf tliet mija tlieta u sebghin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€36,373.58).

In kwantu ghad-danni non pekunjarji l-Qorti tqis li d-diskrezzjoni dwar il-*quantum* tal-kumpens moghti tibqa dejjem f'idejn il-Qrati taghna. Il-Qorti rat ukoll id-decizjoni fl-ismijiet **Henry Deguara Caruana Gatt et -vs- Avukat Generali et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020 fejn il-Qorti qieset li l-ammont ta' €500 ghal kull sena illi l-parti li tkun sofriet ksur tad-drittijiet fondamentali taghha hija korretta bhala kumpens ikkunsidrat li ssegwi l-prassi tal-Qrati Maltin u l-Qrati Ewropea fuq dan il-punt. Il-Qorti tqis li ghalkemm dik id-decizjoni ta' Caruana Gatt et titratta l-kirjiet residenzjali, l-istess principji huma applikabbli wkoll fil-kaz ta' raba' agrikola ovvjament tenut kont ukoll tal-valur tal-raba in kwistjoni b'dana li allura l-kumpens irid ikun in proporzjon u relatat mal-istess. Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti u wkoll in vista li fil-kaz citat is-somma likwidata bhala danni kienet ferm aktar ghola minn dik odjerna l-Qorti tqis li kumpens ghal danni mhux pekunjarji ta' tlett elef Ewro (€3,000) huwa wiehed idoneu u gust fic-cirkustanzi.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' w' tiddeciedi dan ir-rikors kostituzzjonali bil-mod kif isegwi:

1. Tilqa' l-ghaxar eccezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat stante li din il-Qorti m'hijiex il-foro kompetenti sabiex tordna l-izgumbrament tal-intimati;

2. Tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-intimati safejn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

3. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li ġew u għadhom qed jiġu leżi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif sanċiti bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għar-raġunijiet premessi;

4. Tilqa' limitatament it-tieni talba safejn titratta li l-Qorti tagħti rimedju xieraq, effettiv u opportun u tichadha fil-kumplament fejn intalab li tali rimedju xieraq, effettiv u opportun ghandu jkun tali li jwassal li l-vjolazzjoni ma tkomplix isseħħ;

5. Tilqa' t-tielet talba u tagħti rimedju ossia kumpens u danni pekunjarju u non-pekunjarju biex tagħmel tajjeb għall-leżjoni ġa sofferta mir-rikorrenti u tillikwida dan il-kumpens u danni fl-ammont kumplessiv ta' disgha u tletin elf tliet mija tlieta u sebghin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€39,373.58);

6. Tichad ir-raba' talba billi fic-cirkostanzi m'hemmx kumpens iehor jew rimedju iehor x'jinghata lir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-Avukat tal-Istat intimat.

In vista li din il-Qorti sabet lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti tordna notifika tad-decizjoni odjerna lill-Onorevoli Speaker tal-Parlament Malti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**26 ta' Marzu, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Marzu, 2024**